# STQARRIJA MID-DIRETTORAT GĦAS-SERVIZZI VETERINARJI U MID-DIRETTORAT GĦAS-SAĦĦA AMBJENTALI

Reference Number: PR172385, Press Release Issue Date: Oct 25, 2017

***L-irziezet kollha huma ħielsa mit-traċċi tal-fipronil***

Fit-30 ta' Awwissu, id-Direttorat għas-Servizzi Veterinarji rċieva l-ewwel notifikazzjoni mid-Direttorat għas-Saħħa Ambjentali li dan kien irċieva riżultati pożittivi tal-bajd miġbur minn ħwienet u *supermarkets* li kien ġej minn 5 irziezet tat-tiġieġ lokali u 2 irziezet Taljani.

Fl-istess ġurnata, il-5 irziezet inżammu taħt restrizzjonijiet u nżammu milli jbigħu l-bajd frisk.

Fil-5 ta' Settembru nġabru kampjuni ta' bajd mill-5 irziezet suspettati u ntbagħtu f'laboratorju akkreditat fil-Ġermanja biex issirilhom analiżi għall-Fipronil u l-Amitraz (pestiċidi). Tlieta minn dawn l-irziezet irriżultaw pożittivi għall-kontaminazzjoni tal- Fipronil fil-kampjuni tal-bajd. Għalhekk, filwaqt li nżammet ir-restrizzjoni fuq dawn it-3 irziezet tat-tiġieġ, it-2 l-oħra li rriżultaw negattivi għat-testijiet irċevew ittra mid-Direttorat għas-Servizzi Veterinarji li tneħħitilhom il-projbizzjoni fuq il-bejgħ tal-bajd.

Sadanittant, fuq linji gwida tal-Kummissjoni, id-Direttorat għas-Servizzi Veterinarji, iddeċieda li jagħmel testijiet fuq l-irziezet kummerċjali l-oħra kollha tat-tiġieġ li jbidu l-bajd, inkluż dawk li l-bajd tagħhom ittieħed kampjun tagħhom mid-Direttorat tas-Saħħa Ambjentali. B'kollox, 21 kampjun tal-bajd, 22 kampjun tal-muskolu/tax-xaħam u 28 kampjun tal-għalf intbagħtu għall-analiżi tal-Fipronil u l-Amitraz fis-7 ta' Settembru. Il-kampjuni kollha tal-għalf, mill-irziezet lokali kollha rriżultaw li m'għandhomx residwi ta' dawn il-pestiċidji. Fit-12 ta' Settembru, il-kampjuni kollha tal-bajd u l-kampjuni tal-muskoli/tax-xaħam mill-irziezet l-oħra kollha tat-tiġieġ li jbidu l-bajd irriżultaw negattivi għar-residwi tal-Fipronil u l-Amitraz. Wara li twettqet din l-analiżi komprensiva, Malta hija sal-lum l-uniku Stat Membru li kopra l-ittestjar tal-irziezet kummerċjali kollha.

It-tliet irziezet ikkontaminati l-oħra ġew immonitorjati u l-kampjuni tal-bajd inġabru kull ġimgħa u ntbagħtu l-Ġermanja u r-Renju Unit għal analiżi ripetuta għall-Fipronil. Kampjuni nġabru kull ġimgħa fuq perjodu ta' sitt ġimgħat mill-11 ta' Settembru sas-16 ta' Ottubru, sakemm l-irziezet kollha rriżultaw li ma kellhomx residwu tal-Fipronil 'il fuq mill-MRL ta' 0.005mg / kg stabbilit mill-UE u għalhekk ġew ikkonfermati tajbin għall-konsum mill-bniedem.

Bijoċidu likwidu użat mill-bdiewa ntbagħat ukoll għall-analiżi fir-Renju Unit, biex jikkonferma li l-ebda kontenut ta' Fipronil ma kien preżenti fil-prodott. Id-Direttorat għas-Servizzi Veterinarji kien kontinwament f'kuntatt mas-Supretendenza tas-Saħħa Pubblika, jikkomunikaw ir-riżultati tal-analiżi u tal-investigazzjonijiet; kull darba li razzett irriżulta negattiv, id-Direttorat għas-Saħħa Ambjentali ġie infurmat sabiex jagħti permess lill-irziezet negattivi jbigħu l-bajd. Id-Direttorat għas-Servizzi Veterinarji jixtieq jirringrazzja lill-bdiewa Maltin kollha għall-koperazzjoni tagħhom. Id-Direttorat għas-Servizzi Veterinarji jixtieq jenfasizza li kif diġà ġie kkomunikat mill-awtoritajiet tas-Saħħa Pubblika, il-livell ta' Fipronil fil-bajd ma kienx perikoluż għas-saħħa f'livelli normali ta' konsum ta' bajd kuljum (massimu ta' 2 bajdiet kuljum) iżda kien neċessarju li jkun garantit li l-bajd kellhom jitqiegħdu fis-suq mingħajr traċċa ta' bijoċidi. Il-bajd kollu prodott f'Malta issa huwa konformi bis-sħiħ ma' dawn ir-rekwiżiti.